# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 449/2015**

Il-Pulizija

vs

**Manwel Busuttil**

iben Matti, imwieled Pieta', fit-3 ta' Ottubru, 1949, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 808949(M)

Illum 30 ta' Ottubru 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Manwel Busuttil quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli fit-22 ta' April 2015, għal ħabta ta' 20.15 hrs fi Triq Toni Zahra iż-Żejtun waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JBA 071:

(1) B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabat ma vettura numru BBG 883 u involontarjament ikkaġuna ħsara għad-dannu ta' Alfred Schembri;

(2) Meta kien involut f' inċident tat-traffiku ma' vettura numru BBG 883 naqas li jieqaf u meta kien meħtieġ naqas li jagħti l-partikolaritajiet tiegħu u d-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub mil-liġi u/jew naqas li jirrapporta l-imsemmi inċident lill-Pulizija jew gwardjani lokali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Ottubru, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 328 tal-Kapitolu 9 u l-L.S.65.11MVR 67, sabitu hati taz-zewg akkuzi illiberat lill-imputat Manwel Busuttil taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' €200.

Rat ir-rikors tal-appellani Manwel Busuttil minnu pprezentat fil-15 ta' Ottubru, 2015 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datata ħamsa (5) ta' Ottubru elfejn u ħmistax (2015) in kwantu sabet ħtija ta' l-akkużi dedotti kontrih u tilliberah minn kull piena u ħtija skond il-ligi u tikkonferma fejn l-ewwel Onorabbli Qorti ma ordnatx li l-esponenti jiġi skwalifikat mill-liċenzji tiegħu tas-sewqan.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

i. ILLI l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet applikazzjoni skorretta tal-liġi
ii. ILLI l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi

(i) <u>ILLI l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet applikazzjoni skorretta tal-liġi:</u>

L-esponenti ġie akkużat ai termini ta' l-Artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdu għal reat ta' ħsara involontarja.

Illi din l-istess Onorabbli, Qorti, kellha diversi okkazjonijiet tesprimi ruħha dwar l-fatturi li jridu jirriżultaw sabiex dana r-reat jitqies kostitiwt.

Ġie ritenut illi *'Hu meħtieg għall-kostituzzjoni tar-reat involontarju tal-Kodiċi Kriminali, illi tirrikorri kondotta volontarja negliġenti - konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb (imprudenza), traskuragni (negliġenza) jew ta' ħila (imperizia), fl-arti jew professjoni jew konsistenti speċifikatament b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti – li tkun segwita b'ness ta' kawżalita' minn event dannuz involontarju.'*[1]

[1] l-Qorti ta' l-Appell Kriminali - Pulizija vs Perit Louis Portelli, deciza fl-4 ta' Frar 1961.

Ġie ritenut ukoll,

*'Għandu jiġi premess illi, għall-aċċertament tal-ħtija minħabba f'kondotta negliġenti, għandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza umana identifikat mal-bonus pater familias; dik il-kondotta ċioe' illi f'kaz konkret, kienet tiġi wżata minn persuna ta' ntelliġenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oġġettiva għall-ġudikant, iħallih, fl-istess ħin, liberu li jivvaluta d-diliġenza tal-każ konkret; la diligenza del buon pater di familia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al guidice la liberta' di valutazione. (vide Giorgi-Teoria delle Obbligazioni Vol 2, 27P.46).*[2]

Ġie stabbilit mill-Qrati nostrali illi *'Id-definizzjoni klassika tal-kulpa kriminali tibqa' dik mogħtija mill-Carrara (volume 1 parte generale) b'dawn il-kliem:*

*'La volontaria ommissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del proprio fatto' (para 80 page 114).' Dan l-awtur ikompli jgħid illi tkun xi tkun id-definizzjoni tal-kolpa fil-kriminal:*

*'il tripode sul quale si assiede la colpa sara' sempre questo:*
*(1) volontarieta dell'atto*
*(2) mancata previzione dell'effetto nocivo*
*(3) possibilita' di prevedere.'*

*L'Arabia – Princip. Dir.Pen.p.128 et seq – isegwi t-tejorija tal-kolpa tad-Dritt Ruman li fih ukoll kien jingħad illi 'quando il danno avveniva oltre quello che potevassi umanamente prevedere, era un infortunio non punibile: vi era colpa se vi era possibilita' di prevederla.'*[3]

ILLI fil-każ odjern, xehed l-esponenti li huwa għabba ir-roti tat-tfal fil-vann u ħareġ bil-quddiem. Ma kien hemm ħadd quddiemu u ma kellux għalfejn ireġġa lura. Ħares il-quddiem u wara li żgura li ma kien hemm ħadd ħareġ mill-lok fejn kien ipparkjat mingħajr problemi ta' xejn. Da parti tiegħu ukoll *dato non concesso* xehed il-parte civile li qal li meta l-esponenti ġie biex joħroġ minn fejn kien ipparkeġġjat reġġa lura u laqtu bil-boċċa.

---

[2] Qorti ta' l-Appell Kriminali - Il-Pulizija vs Joseph Attard u EmanuelMercieca, deciza fil-31 ta' Jannar 1983.

[3] Qorti tal-Appell Kriminali - Il-Pulizija vs John Vella, deciza fil-15 ta' Frar 1958,

Għalhekk fil-kaz odjern ma rriżultax illi l-esponenti fil-manuvra li għamel, kien b'xi mod negliġenti jew imprudenti u għalhekk ir-reat ma seta qatt jitqies kostitwit.

ILLI kwantu għat-tieni imputazzjoni u minghajr pregudizzju ghal dak li inghad f' dana l-appell, l-azzjoni hi preskritta. L-esponenti umilment jirrileva, illi, l-artikolu 55(1) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta jistabbilixxi li, bla hsara ta' kull provvediment iehor ta' l-istess Kap. 65, reati kontra regolamenti maghmula taht l-artikolu 54 tal-Kap. 65 huma punibbli bil-pieni stabbiliti ghal kontravvenzjonijiet fil-Kodici Kriminali, b'dan li l-ammenda m'ghandhiex tkun ta' anqas minn hdax-il euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65). Konsegwentement, u stante li ma hemm l-ebda provvediment li jindika l-kuntrarju, ir-reat li tieghu gie akkuzat l-esponenti permezz tat-tieni imputazzjoni bi ksur tar-regolament 67 ta' Leġislazzjoni sussidjarja 65.11 (Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur), huwa reat kontravvenzjonali preskrivibbli bid-dekorriment ta' perijodu ta' tliet xhur skond l-artikolu 688(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-incident in kwistjoni seħħ fit-22 ta' April elfejn u ħmistax (2015) u l-esponenti ġie notifikat ħafna wara d-dekors ta' tlett xhur. Il-preskrizzjoni hi sollevabbli *ex officio* mill-Qorti (artikolu 694 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk kellha titqajjem mill-ewwel u l-esponenti ma setax jinstab ħati.

**(ii)** ILLI l-ewwel Onorabbili Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi

Illi fil-każ odjern, irriżulta, mix-xhieda ta' Alfred Schembri sid il-vettura BBG883 li kellu biss ħsara fil-bumper li skond hu tammonta għal tlett mitt Euro (€ 300) iżda l-istess xhud naqas li jippresenta stima ta' dan għaliex qal li ħadd ma ried jagħmilhielu. Di piu lanqas ritratt tal-ħsara ma ġie prodott jew il-ħsara ġiet konstatata minn PC 1010 li rċieva r-rapport. Xhed li l-esponenti reġġa lura u laqtu.

ILLI meta xhedet Victoria Bonello, kuntrarjament għal dak li qal is-sieħeb tagħha stqarret illi kien hemm ħsara kemm fil-bumper kif ukoll fil-bonnet tal-vettura.

ILLI l-esponenti da parti tiegħu xehed li sabiex ħareġ minn fejn kien ipparkjat ma kien hemm ħadd quddiemu għalhekk ma kellux għalfejn ireġġa lura sabiex joħroġ minn fejn kien ipparkeġġjat. Esebixxa ukoll ritratt tal-vettura tiegħu li anke fl-agħar ipotesi wera li peress illi l-boċċa qiegħda l-barra kien impossibbli li jolqot il-bonnet tal-vettura BBG 883.

ILLI għalhekk irriżulta li hemm kunflitt ċar u manifest fil-provi prodotti lil kellha twassal lill-ewwel Qorti sabiex tillibera lill-esponenti mill-akkużi dedotti kontra tiegħu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-appellant isejjes l-ilment tieghu dirett lejn is-sejbien ta' htiija ghall-ewwel imputazzjoni fuq allegat apprezzament zbaljat tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti u dan ghaliex huwa jichad kategorigakment illi regga' lura bil-vettura tieghu sabiex b'hekk laqat il-vettura tal-kwerelant kif allegat minnu. Jibqa' isostni illi huwa qatt ma laqat din il-vettura u dan ghaliex kif dahal fil-vettura tieghu huwa saq 'il quddiem u ma mess ma' ebda vettura li kien hemm fil-vicinanzi tieghu biex b'hekk qatt ma seta' jinstab hati li kien negligenti jew imprudenti fis-sewqan tieghu. Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u li taghha ukoll instab hati, jinsisti illi din hija preskritta fit-termini tal-artikolu 688(f) tal-Kodici Kriminali bid-dekors ta' tlett xhur mill-kummissjoni ta'l-istess, u dan ghaliex dan ir-reat ghalkemm jaqa' taht id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta huwa punibbli bil-piena mahsuba ghal kontravvenzjonijiet.

Illi qabel xejn din il-Qorti trid tqies l-ewwel aggravju imqanqal mill-appellant marbut mal-apprezzament tal-provi billi jekk huwa ghandu ragun fl-ilment minnu imqanqal jonqos il-bzonn illi jigi meqjus l-aggravvju marbut mat-tieni imputazzjoni. Illi ghalkemm din il-Qorti tirribadixxi ghal darb'ohra illi hija ma hijiex imsejjha, issa fi stadju ta' revizjoni, sabiex tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, madanakollu jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setatx

ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[4].

Illi minn ezami tal-atti probatorji jrrizulta illi l-ilment ventilat jirrisolvi ruhu fi kwistjoni ta' kredibbilita' billi l-verzjoni moghtija mill-parti leza Alfred Schembri, u l-passiggiera li kienet riekba mieghu dak in-nhar tas-sinistru, hija konfliggenti mal-verzjoni moghtija mill-appellant, bl-ewwel tnejn isostnu illi l-appellant laqat il-vettura ta' Schembri bil-bocca li kellu imwahhla mal-bumper tal-vann *pick-up* tieghu, u dan meta regga' lura sabiex johrog mill-parkegg, filwaqt li l-appellant jibqa' jichad li ghamel din il-manuvra. Issa din il-Qorti kellha x-xorti illi tisma' lil dawn in-nies jixhdu quddiemha mill-gdid sabiex b'hekk kienet f'posizzjoni ahjar tqies jekk kienx hemm kunflitt qawwi bejn dawn iz-zewg verzjonijiet li tista' twassal ghal liberatorja tal-appellant jew inkella li tizen liema verzjoni setghet kienet l-iktar wahda verosimili u allura sufficjenti sabiex tirrizulta l-htija tal-appellant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

Illi minn ezami ta' din ix-xiehda jirrizulta illi nhar it-22 ta' April 2015 għall-ħabta tad-21:40hrs il-kwerelant Alfred Schembri rraporta ġewwa l-għassa taż-Żejtun illi l-appellant Manwel Busuttil kien laqatlu l-vettura tiegħu u baqa' sejjer. Il-kwerelant spjega li kien qiegħed il-bandli ma' bintu flimkien mas-sieħba tiegħu Victoria Bonello meta f'daqqa waħda semgħu ħoss qawwi u kif marru biex jaraw minn fejn kien ġej dak

---

[4] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

il-ħoss raw lil Manwel Busuttil isuq il-vann tiegħu minn fuq il-post hiereg minn fejn kien ipparkeggjat. Wara verifiki li ghamel, il-parti leza Schembri innota illi l-vettura tiegħu tal-għamla Hyudai Coupe ta' lewn Blu bin-numru ta' reġistrazzjoni BBG883 kellha xi ħsarat konsistenti f'daqqa fil-bumper ta' quddiem. Ghalhekk telaq jiġri wara l-vann tal-appellant fejn beda jgħajjatlu biex jieqaf, izda dan baqa' sejjer u ħa ritratt tal-pjanċa ta' reġistrazzjoni tal-vettura tal-appellant u ipprovda l-istess lill-pulizija. Victoria Bonello, is-sieħba tal-kwerelant kkorroborat mal-pulizija l-verzjoni ta' Schembri. Meta l-appellant ġie mitkellem, filwaqt li huwa kkonferma illi kien qed isuq il-vettura tiegħu u li kien ipparkajt fi Triq Toni Zahra, Żejtun, hu saħaq li f'ebda mument ma regga' lura bil-vettura tiegħu iżda saq biss 'il quddiem. Fix-xiehda tieghu imbaghad jisħaq ukoll illi li kieku rriversja lura, kif kien qed jiġi allegat, kienet issir ħafna aktar ħsara milli filfatt ġiet riskontrata fil-vettura tal-kwerelant u dan peress illi t-*tow bar* tal-vettura tiegħu hija ħafna aktar għolja mill-*bonnet* tal-vettura tal-kwerelant. Illi l-parti leza Schembri ma jipproduci l-ebda stima tal-hsarat sofferti fil-vettura tieghu u lanqas jindika ezatt f'hiex kienet tikkonsisti din il-hsara permezz ta'xi ritratti sabiex din il-Qorti kienet tkun f'posizzjoni ahjar tqies jekk il-hsara riskontrata kenitx kompatibbli mal-posizzjoni tal-bocca u l-*bumper* li hemm fuq in-naha ta'wara tal-vettura tal-appellant.

Ikkunsidrat:

Illi b'mod ewlieni, l-appellant jinsab mixli bir-reat tal-ħsara involontarja kif hemm mahsub fl-artikolu 328(d) tal-Kodiċi Kriminali fejn b'differenza mir-reat tal-ħsara volontarja (l-artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali), mhuwiex meħtieġ li jiġi ppruvat il-valur tal-ħsara kkaġunata iżda biss in-natura tal-ħsarat inkorsi u dan sabiex tigi determinata l-piena li ghandha tigi nflitta f'kaz ta' sejbien ta' htija. Issa f'dan il-każ isib applikazzjoni s-sub-inciz (d) ghall-artikolu 328 billi l-hsara riskontrata kienet wahda limitata ghal vettura tal-parti leza. F'dan il-każ ukoll jinħtieġ illi sabiex jitmexxew il-proċeduri l-Qorti jrid ikun hemm il-kwerela tal-parti offiża li filfatt tirriżulta mill-atti proċesswali fir-rapport tal-PIRS fejn Alfred Schemrbi talab lill-pulizija sabiex jiehdu passi kriminali kontra l-appellant.

Illi huwa evidenti minn ezami tal-atti illi, kif inghad, l-unici provi marbuta mal-fattispecje ta' dan il-kaz jikkonsistu fil-verzjonijiet moghtija minn Schembri, Victoria Bonello u l-appellant. Illi fl-affidavit tieghu PC1010 Andrea Zahra jixhed unikament dwar dak li ġie rrapurtat lilu mill-kwerelant u mis-sieħba tiegħu u imbaghad il-verzjoni moghtija lilu mill-appellant meta dan gie mitkellem.

Issa ghalkemm Schembri u s-siehba tieghu jikkontendu illi l-appellant laqat il-vettura ta' Schembri meta irriversja sabiex johrog mill-lok fejn kien ipparkeggjat, madanakollu jidher illi dawn ma rawx l-incident isehh *ictu oculi*, izda ighidu li semghu l-hoss u raw lill-appellant isuq minn fuq il-post. Meta mar jivverifika x'kien dak il-ħoss u jekk kienx hemm xi ħsarat fil-vettura tieghu, Schembri jghid li nnota li kellu ħsarat kemm fil-*bonnet* kif ukoll qasma fil-*bumper*. Prova dwar din il-hsara izda ma ingabitx. Illi ma hux ikkontestat illi l-vann tal-appellant tal-għamla Toyota Hilux bin-numru ta' reġistrazzjoni JBA071 kienet ipparkeggjata quddiem il-vettura Hyundai Coupe bin-numru ta' reġistrazzjoni BBG883. Huwa inkontestat ukoll illi l-appellant hareg mill-post fejn kien ipparkeggjat sabiex jitlaq minn fuq il-post ghalkemm ighid illi biex ghamel din il-manuvra huwa qatt ma regga' lura bil-vettura tieghu. Illi dan ifisser illi ma hemm l-ebda xhud li ra lill-appellant jolqot il-vettura tal-parti leza li minn naha tieghu jabbina l-ħoss li sema ma' allegat impatt bejn il-van misjuq mill-appellant u l-vettura tieghu li kienet ipparkeggjata warajh. Huwa biss issa fi stadju ta' revizjoni illi s-sieħba ta' Schembri, Victoria Bonello, tghid li nnutat lill-appellant jirriversja għal fuq l-vettura ta' Schembri waqt li f'dak il-waqt huma kienu l-bandli ma bint Schembri. It-tnejn li huma jsostnu li huma saqu għal wara l-appellant lejn ir-razzett tiegħu peress illi Schembri kien jaf min kien u fejn jirresjedi fejn skond Schembri kif wasal hemm hu kellem lill-appellant dwar dak li kien seħħ u dan kellmu ħażin. Bonello minn naha l-ohra ssostni illi lill-appellant ma sabuhx hemmhekk u hi da parti tagħha qatt ma tkellmet miegħu.

L-appellant fix-xiehda tieghu jibda isostni illi huwa f'ebda waqt ma rriversja u dan ghaliex ma kienx hemm karrozzi quddiemu u ma kellux għalfejn iregga' lura u sempliċiment saq il-quddiem u telaq minn fuq il-post. Jiftakar illi ghabba fil-vann

tieghu r-rota u l-i*scooter* tan-neputijiet tiegħu li meta saq bdew jiċċaqalqu min-naħa għall-oħra fil-vann u allura isostni illi dan kien il-hoss li l-parti leza sema hekk kif huwa beda jsuq. Finalment jgħid ukoll illi Schembri ġie r-razzett tiegħu iżda hu kien rieqed u ma kellmux, filwaqt li jgħid ukoll li kien f'dak il-waqt li l-kwerelant ħadlu n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura tiegħu.

Illi rinfaccjata b'dawn iz-zewg verzjonijiet ghal kollox konfliggenti, din il-Qorti lanqas ma hi kkonfortata b'xi provi indizzjarji jew cirkostanzjali. Dan ghaliex ma tressqet l-ebda prova oħra mill-prosekuzzjoni jew ill-kwerelant dwar in-natura tal-ħsarat riskontrati fil-vettura tal-kwerelant sabiex b'hekk il-qorti kienet tkun f'posizzjoni ahjar tqies f'hiex kienu jikkonsistu dawn il-hsarat u jekk l-istess kenux kompatibbli mal-vettura tal-appellant u mal-mod ta' kif allegatament sehh l-impatt. Ma jidhirx lanqas illi l-pulizija li mexxa l-investigazzjonijiet f'dan il-kaz ikkonstata dawn il-hsarat huwa stess u ghamel stharrig ulterjuri fir-rigward. Mhux biss izda ghalkemm mitlub igib stima tal-hsarat, il-kwerelant jibqa inadempjenti sabiex lanqas prova dwar il-valur u n-natura tal-hsara ma tista' tigi konstata minn din il-Qorti ghajr ghal dak li jallega l-parti leza li ghalkemm jirraporta li kellu hsara fil-*bumper*, madanakollu imbaghad fix-xiehda tieghu fil-Qorti ighid li kellu xi hsara ukoll fil-*bonnet*. Illi l-uniku ritratt li hemm esebit in atti juri stampa tan-naha ta' wara tal-vann tal-appellant li ma jitfa' l-ebda dawl fuq l-akkadut.

Illi l-Qorti allura hija tal-fehma illi l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-każ tagħha sal-grad rikjest minnha fil-ligi u ghalkemm din il-Qorti tista' tasal ghal kongetturi u supposizzjonijiet dwar dak li seta' sehh, madanakollu l-provi jieqfu ferm 'il boghod mill-piz mehtieg sabiex tinstab htija fil-kamp penali. L-verżjoni tal-parti leza, ma ġietx konfortata minn prova dwar in-natura tal-ħsarat permezz ta' ritratti jew rapport/stima li setgħu jikkonfermaw dak allegat minnu dwar il-ħsarat inkorsi minnu. Illi anke il-verzjonijiet moghtija minn Schembri u is-siehba tieghu huma inkonsistenti fil-kontenut taghhom tant illi allura ma jirnexxielhomx ixejjnu l-verzjoni tal-appellant. Illi maghmula dawn il-kostatazzjonijiet, u mismugha mill-gdid il-provi li gew prodotti quddiem l-

Ewwel Qorti, din il-Qorti tqies illi l-provi imressqa 'il quddiem mill-prosekuzzjoni ma kenux bizzejjed b'sahhtithom sabiex iwasslu ghal sejbien ta' htija.

Illi milhuqa din il-konkluzjoni il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tidhol biex tqies l-aggravju l-iehor imqanqal mill-appellant marbuta mat-tieni imputazzjoni, u dan billi gjaldarba l-appellant ser jigi illiberat mill-ewwel imputazzjoni, lanqas it-tieni akkuza ma tirrizulta ippruvata billi hija marbuta ma'l-ewwel imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell tghaddi ghalhekk biex tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija.

Edwina Grima

Imħallef